# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tas-25 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 61/2023 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**HR**

**Vs**

**SP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HR datat 3 ta' Frar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat it-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

3. *Illi l-partijiet ilhom aktar minn tlett (3) snin de jure separati;*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u tmintax (2018) ma jghixux*

*flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Roberta Galea Mamo, datat l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) senjatament artiklu 3, (Dok C anness), l-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata (Vide Fol 19 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi ghalkemm l-esponenti ma gietx notifikata bir-rikors ta' divorzju intavolat mir-rikorrent zewgha nhar it-tlieta ta' Frar 2023, sabiex ma jittawlux il-proceduri inutilment, permezz tal-prezenti qed taghti lilha nnifisha b'notifikata bl-istess, inkluz ukoll bl-avviz tas-smiegh;*

2. *Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewwgu fl-ghaxra (10) ta' Gunju 2011 u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment isseparati sa mill-ghaxra (10) ta' April 2019 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Roberta Galea Mamo,*

*u kif jindika l-istess kuntratt (pagna 2), l-istess partijiet ilhom de facto sseparati sa minn Marzu 2018;*

4. *Illi l-esponenti taqbel illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u llum il-gurnata, l-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulin;*

5. *Illi huwa minnu wkoll illi l-partijiet iddekadew mid-dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin (Dok 'C' ipprezentat mir-rikorrent, klawsola numru 3) u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

6. *Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt, pero jinghad illi l-esponenti m'hijiex lesta illi thallas ghall-ispejjez tieghu u ghaldaqstant qieghda toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma' din il-kawza;*

7. *Illi dan kollu huwa kkonfermat permezz ta' affidavit tar-rikorrenti illi qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok 'SP1';*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-intimata (Vide Fol 22), fejn ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-10 ta' Gunju 2011 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 t'April 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Galea Mamo. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja

totalment separata minn xulxin. Sostna illi t-tnejn li huma ddekadew mid-dritt tal-manteniment minghand xulxin u li ma hemmx arretrati dovuti.

L-intimata xehdet (vide Fol 21) u kkorroborat ma dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Gunju 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 776/2011 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Galea Mamo nhar l-10 t'April 2019 (vide Dok C fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 776/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**